PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għas-Sajd*

**2014/2214(INI)**

23.6.2015

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar Strateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku
(2014/2214(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Norica Nicolai

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi, bħalma tevalwa ġustament il-Kummissjoni, hemm differenzi soċjoekonomiċi kbar fost il-pajjiżi involuti f'din l-istrateġija, speċjalment bejn l-Istati Membri tal-UE u dawk li mhumiex Membri; billi l-Kummissjoni ser tippreżenta lill-Parlament il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati li mhumiex Membri għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija;

B. billi l-applikazzjoni u r-rispett tar-regoli u l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd għandhom ikunu waħda mill-aktar miri ta' evalwazzjoni importanti għall-pajjiżi kollha involuti f'din l-istrateġija; billi, barra minn hekk, il-mira kwantitattiva ta' livell ugwali jew inferjuri għar-"Rendiment Massimu Sostenibbli" għandha tkun parti minn kwalunkwe evalwazzjoni li tikkonċerna l-ambjent tal-baħar u tas-sajd fir-reġjun;

C. billi l-Baħar Adrijatiku, minħabba n-natura semi-magħluqa tiegħu huwa partikolarment vulnerabbli għat-tniġġis u għandu karatteristiċi idrografiċi mhux tas-soltu bħall-fatt li l-fond u l-kosta jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tar-reġjun; billi l-istokkijiet tal-ħut jiġu kondiviżi fost il-pajjiżi kostali kollha, li jqiegħed ir-riġenerazzjoni tal-istokkijiet taħt pressjoni sostnuta; billi l-miżuri fi ħdan ir-regolament qafas futur dwar miżuri tekniċi fil-PKS riformata għandhom jiġu mfassla fuq bażi reġjonali u apposta għall-ispeċifiċitajiet ta' din iż-żona u r-riżorsi marittimi u s-sajd tagħha;

D. billi l-ilmijiet huma mhedda minn sorsi varji ta' tniġġis, inklużi l-iskart u l-ħmieġ mhux trattat, l-ewtrofikazzjoni minn skol agrikolu u l-farms tal-ħut, u billi, minħabba li l-protezzjoni ambjentali hija parti mill-istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku, huwa ta' importanza assoluta li wieħed jifhem li l-iżvilupp ekonomiku jista' jiġi konċepit biss fil-kuntest tas-sostenibbiltà ambjentali;

E. billi l-Kummissjoni, kemm fl-istrateġija u kemm fil-pjan ta' azzjoni tagħha, tammetti li ma għandhiex evalwazzjoni sħiħa tal-istatus quo fir-reġjun u fil-pajjiżi, minħabba nuqqas ta' dejta;

F. billi, skont il-Kummissjoni, l-UE ser tikkofinanzja l-proġetti flimkien mal-Istati Membri;

G. billi l-ekonomija blu tirrappreżenta soluzzjoni potenzjali għall-kriżi ekonomika peress li tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' impjiegi ġodda, tkabbir u żvilupp ekonomiku, speċjalment fil-pajjiżi kostali u tal-gżejjer; billi l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku ma tistax tiġi implimentata mingħajr ma jittieħed kont tal-kunċett tal-ekonomija blu peress li din tkopri firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi marbuta mal-ibħra u l-oċeani, li tinkludi setturi tradizzjonali u emerġenti fosthom is-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu (tal-baħar) u fl-ilmijiet navigabbli interni, il-portijiet u l-loġistika, it-turiżmu;

H. billi l-istrateġija hija tajba daqs il-proġetti ffinanzjati u appoġġjati mill-Istati Membri;

I. billi l-pajjiżi kollha jixtiequ jiksbu tkabbir ekonomiku u żvilupp;

J. billi t-tkabbir blu, li jagħmel parti minn din l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjaha, huwa pjattaforma għal proġetti ta' żvilupp sostenibbli speċjalment għal dawn it-tipi ta' reġjuni;

K. billi s-sajd, għalkemm wieħed mis-setturi l-aktar importanti f'dan ir-reġjun, mhuwiex kopert minn parti speċifika tal-istrateġija, iżda minflok aspetti differenti huma mqassma madwar numru ta' pilastri;

L. billi żieda fit-trasport marittimu u fl-industrija tat-turiżmu tal-bastimenti tal-kruċieri jagħmlu parti mill-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni biex jinkiseb żvilupp u tkabbir ekonomiku;

M. billi żieda fl-attività marittima tista' tagħmel ħsara lill-istokkijiet tal-ħut diġà fil-periklu li jiġu estinti fil-Baħar Adrijatiku u dak Joniku;

1. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala faċilitatur indipendenti f'din l-istrateġija, biex tenfasizza l-importanza tal-ħolqien tal-kundizzjonijiet għat-tnaqqis tad-differenzi soċjoekonomiċi bejn il-pajjiżi; itenni li l-għan tal-istrateġija huwa li tgħin issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea u bil-pajjiżi terzi tar-Reġjun Joniku-Adrijatiku, filwaqt li jiġu appoġġjati u promossi l-isforzi biex tiġi allinjata l-leġiżlazzjoni attwali dwar is-sajd mal-objettivi stabbiliti fil-PKS u biex iġibu kooperazzjoni transkonfinali solida fost il-pajjiżi fir-reġjun;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura, safejn l-aħjar li tista', li l-industrija tas-sajd, l-istokkijiet tal-ħut, l-ambjent marittimu u l-kwistjonijiet l-oħra kollha relatati ma' dan is-settur jiġu koordinati u ġestiti b'mod sostenibbli fost il-pilastri kollha u li l-pajjiżi kollha, inklużi l-pajjiżi terzi tal-makroreġjun involuti fil-proġetti, jaġixxu skont, u jirrispettaw, il-valuri, il-prinċipji u l-objettivi tal-PKS, u jistieden kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati involuti fl-istrateġija biex jiżviluppaw proġetti komuni skont dawn il-prinċipji;

3. Jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu (permezz ta' ippjanar koordinat) kif ukoll ġestjoni mtejba fl-oqsma tas-sajd u l-akkwakultura, sabiex jikkontribwixxu għal użu aktar sostenibbli tar-riżorsi naturali eżistenti u għalhekk għat-tkabbir sostenibbli; jikkunsidra li governanza konġunta xierqa tal-ispazju marittimu tipprovdi qafas importanti għal użu sostenibbli u trasparenti tar-riżorsi marittimi u mill-baħar;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi b'mod attiv l-istabbiliment ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd, li jistgħu jirrappreżentaw strument naturali għad-diversifikazzjoni tas-sajd; jenfasizza li s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u ta' profitt jeħtieġu involviment imsaħħaħ tal-partijiet interessati fil-ġestjoni globali, kif ukoll attivitajiet tas-sajd imtejba u diversifikati;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tifformula kemm jista' jkun malajr pjan ta' ġestjoni multiannwali tas-sajd għal dawn iż-żewġ baċiri tal-baħar;

6. Jappella biex, ladarba żieda fl-attività marittima tista' taffettwa s-saħħa tal-istokkijiet tal-ħut fir-reġjun u peress li ħafna speċijiet diġà qegħdin ibatu, issir evalwazzjoni u analiżi bir-reqqa tal-evoluzzjoni tal-istokkijiet, li għandha titwettaq b'mod kostanti u tkun

kondiviża fost il-pajjiżi kollha; jitlob li jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni fejn ikun hemm bżonn;

7. Jistieden lill-Kummissjoni, ladarba r-reġjun għandu ekosistema marittima partikolarment sensittiva, għal kwalunkwe fattur bħal trasport marittimu jew skart, tniġġis tal-ilma, tħaffir jew bini futur ta' infrastruttura ġdida fuq il-kosta li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-istokkijiet tal-ħut, li diġà qegħdin f'sitwazzjoni diffiċli, biex jiġu evalwati b'analiżi tal-impatt ambjentali komprensiva; jinsisti li l-prinċipju ta' prekawzjoni u dak tas-sostenibbiltà jiġu applikati skont il-bżonn, u jistieden lill-Kummissjoni biex taġġorna l-lista ta' attivitajiet marittimi (tħaffir fil-baħar miftuħ, produzzjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta, eċċ.) li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent tal-baħar u fuq l-istatus tal-istokkijiet tal-ħut;

8. Jistieden lill-Kummissjoni, ladarba żieda fl-attività marittima progressivament qed tirrestrinġi l-postijiet għas-sajd, biex tiżgura li l-interessi tas-setturi konċernati jiġu meqjusa b'mod ekwu f'kull stadju fl-iżvilupp tal-attivitajiet marittimi, jiġifieri fit-tfassil tal-ippjanar spazjali marittimu u fil-ġestjoni integrata taż-żona kostali;

9. Jitlob biex proġetti li jfittxu li jivvalutaw l-impatt tas-sajd indirett (xbieki iħirsa, malji ta' kultivazzjoni tal-maskli) u tal-qabdiet sekondarji ta' speċijiet protetti jiġu evalwati u promossi, billi huwa stmat li, fl-Adrijatiku waħdu, 'il fuq minn 40 000 fekruna tal-baħar jinqabdu b'mod aċċidentali; huwa tal-fehma li l-istudji ambjentali u l-istudji dwar mezzi li jtaffu l-problema (bħal apparat għall-esklużjoni tal-fkieren) huma meħtieġa b'mod urġenti;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp tas-sajd rikreattiv fir-reġjun kif ukoll turiżmu sostenibbli u ta' profitt u biex tippromwovi politiki integrati għas-sajd u t-turiżmu (it-turiżmu tas-sajd, il-marikultura, eċċ.) skont il-prinċipju ta' sostenibbiltà;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi u tappoġġja proġetti li joffru żvilupp reali u sostenibbli għall-komunitajiet remoti ż-żgħar li jgħixu fuq gżejjer u tiżgura d-dħul ta' kuljum tagħhom permezz ta' sajd fuq skala żgħira;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja u tippromwovi l-involviment tas-sajd u tal-ħaddiema tas-sajd fi proġetti bħal dawk relatati mat-turiżmu kulturali u storiku, li jinkludu s-sajd u l-iskoperta mill-ġdid tal-attivitajiet tat-tbaħħir u postijiet għas-sajd u impjiegi tradizzjonali;

13. Huwa mħasseb dwar id-dannu kkawżat mill-iskart tal-plastik fil-baħar; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja inizjattivi ta' ġbir u riċiklaġġ ta' dan l-iskart; jenfasizza l-importanza tal-involviment tas-sajjieda fil-proċess;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirreġistra l-volumi tal-qbid tas-sajd rikreattiv, biex tirregola din l-attività u biex tagħmel kemm l-attivitajiet ta' sajd rikreattiv kif ukoll professjonali soġġetti għall-objettivi tal-MSY;

15. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-ħtieġa għal ripopolament tal-ħut ta' ċerti żoni tal-Baħar Adrijatiku u dak Joniku, sabiex tiżgura li ż-żoni ta' mixtliet tal-baħar għall-ispeċijiet differenti ta' ħut huma identifikati b'mod akkurat u protetti biex jipprovdu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ għall-ħolqien ta' skollijiet artifiċjali u biex jitjiebu l-isforzi eżistenti

għall-istabbiliment ta' netwerk koerenti ta' żoni protetti tal-baħar fir-reġjun, li jiżguraw li ż-żoni bijoloġikament importanti kollha jiġu protetti skont l-impenji internazzjonali rilevanti bħall-Pjan Strateġiku dwar id-Diversità Bijoloġika;

16. Jappoġġja l-ħolqien ta' tikketta ta' kwalità għall-prodotti tal-frott tal-baħar bit-tikketta Adrijatiku-Joniku sabiex iżżid il-kompetittività tal-industrija u tipprovdi lill-konsumaturi b'ċertifikazzjoni li tiżgura l-kwalità tas-sajd u tal-prodotti tal-pixxikultura;

17. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-akkwakultura u l-marikultura jista' jilgħab rwol importanti mhux biss fl-irkupru ta' diversità ta' speċijiet iżda wkoll fit-tkabbir ekonomiku tar-Reġjun Adrijatiku u Joniku;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza bħala kwistjoni ta' urġenza assoluta n-nuqqas ta' dejta preċiża u komprensiva dwar ir-riżorsi marittimi, u l-livell ta' tniġġis tal-ilma kkawżat mill-iskart tal-plastik, ilma mormi mhux trattat u speċijiet invażivi mir-rilaxx tal-ilma tas-saborra, li jagħmel l-evalwazzjonijiet mhux ċari u inaffidabbli; jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-fatt li d-dejta dwar is-sajd, l-evalwazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u l-istudji analitiċi l-oħra kollha relatati mhumiex kompluti, biex tindirizza dan qabel tibda tiffinanzja żviluppi oħra; jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi kooperazzjoni xjentifika produttiva fost l-atturi tar-Reġjun Adrijatiku-Joniku, u biex tiżgura li l-pajjiżi konċernati jimplimentaw riformi sabiex jiksbu l-kapaċità li jwettqu ġbir ta' dejta, analiżi u evalwazzjoni bil-għan li jiġu identifikati opportunitajiet għal esplojtazzjoni sostenibbli ta' riżorsi tal-baħar;

19. Jistieden l-Istati involuti fl-istrateġija biex itejbu l-kwalità ambjentali permezz ta' proġetti mmirati lejn it-tnaqqis tat-tniġġis kimiku, fiżiku u mikrobijoloġiku, u biex b'mod konġunt jiżviluppaw strateġiji biex jitnaqqsu l-mikroplastiks u skart ieħor fl-ilmijiet tar-reġjun, filwaqt li jiġi kkoordinat tindif ta' dawk eżistenti, li jottimizzaw l-attivitajiet tat-traffiku marittimu bil-għan li jinkisbu sostenibbiltà, protezzjoni tal-bijodiversità, investiment fiż-żoni ta' rkupru tal-baħar u indirizzar tal-problema tal-ewtrofikazzjoni minn skol agrikolu;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament u lill-Kunsill kull sena, mis-sena tal-implimentazzjoni sal-evalwazzjoni finali wara l-mira tal-2020; dan ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq rapporti u studji analitiċi mwettqa mill-koordinaturi, flimkien mal-evalwazzjonijiet miġbura mill-Kummissjoni mingħand partijiet interessati oħra;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati involuti fl-istrateġija biex tippromwovi x-xogħol fundamentali tan-nisa fis-settur tas-sajd, biex tippromwovi l-kwalifiki professjonali tagħhom u l-inklużjoni tagħhom fil-gruppi ta' azzjoni kostali u fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati involuti fl-istrateġija biex jipprovdu inċentivi li jattiraw liż-żgħażagħ lejn il-qasam tas-sajd u l-akkwakultura fir-Reġjun Adrijatiku u Joniku u jinkoraġġuhom sabiex iwettqu tali attivitajiet;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika l-iskambju ta' prattiki tajbin bħas-sostenibbiltà ta' proġetti żviluppati mill-Gruppi ta' Azzjoni Kostali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 17.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Richard Corbett, Diane Dodds, Linnéa Engström, João Ferreira, Raymond Finch, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Norica Nicolai, Ulrike Rodust, Remo Sernagiotto, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, José Blanco López, Marek Józef Gróbarczyk, Verónica Lope Fontagné, Francisco José Millán Mon |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Tim Aker |